KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.4.2006
KUMM(2006) 172 finali

Proposta għal

REGOLAMENT (KE, EURATOM) TAL-KUNSILL

li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku u ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Il-motivazzjonijiet u l-għanijiet tal-proposta**

Skond l-Artikolu 4 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, l-addattamenti intermedji tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 65 ta' l-Istatut jiġu deċiżi, skond l-informazzjoni pprovduta mill-Eurostat, fil-każ li jkun hemm varjazzjoni sinifikanti fl-għoli tal-ħajja bejn Ġunju u Diċembru filwaqt li titqies il-previżjoni ta' l-iżvilupp tal-kapaċità ta' akkwist matul il-perjodu ta' referenza annwali attwali, b'effett mill-1 ta' Jannar.

Jekk ikun meħtieġ, il-proposta tal-Kummissjoni tiġi mgħoddija lill-Kunsill sa mhux iżjed tard mit-tieni nofs tax-xahar ta' April.

- **Il-kuntest ġenerali**

Skond l-Artikolu 6 ta' l-Anness XI, l-addattamenti jiġu deċiżi għall-postijiet kollha (inkluż Brussell) jekk jintlaħaq limitu sinifikanti fi Brussell. Jekk dan il-limitu ma jintlaħaqx, jiġu deċiżi biss l-addattamenti għall-postijiet fejn jinqabeż il-limitu.

Skond l-Artikolu 7 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, il-valur ta' l-addattament ikun daqs l-indiċi internazzjonali ta' Brussell li, jekk ikun il-każ, jiġi mmultiplikat bin-nofs tal-previżjoni ta' l-indikatur speċifiku jekk dan ikun negattiv.

L-indikatur speċifiku jkejjel, bl-inflazzjoni eskluża, l-iżvilupp tar-remunerazzjonijiet netti tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku nazzjonali ta' l-amministrazzjonijiet ċentrali ta' l-Istati Membri. L-Eurostat iddetermina dan l-indikatur fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mit-8 Stati Membri msemmija fil-paragrafu 4 ta' l-Artikolu 1 ta' l-Anness XI.

L-indiċi internazzjonali ta' Brussell ikejjel l-iżvilupp ta' l-għoli tal-ħajja fi Brussell għall-ħaddiema fis-servizz pubbliku tal-Komunitajiet Ewropej. L-Eurostat iddetermint dan l-indiċi fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Belġjani.

Il-koeffiċjenti korrettorji huma ugwali għall-proporzjon bejn il-parità ekonomika u r-rata tal-kambju korrispondenti msemmija fl-Artikolu 63 ta' l-Istatut u jekk il-limitu ta' l-addattament ma jintlaħaqx għal Brussell, dan jiġi mmultiplikat bil-valur ta' l-addattament.

Il-paritajiet ekonomiċi għar-remunerazzjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tar-remunerazzjonijiet bejn Brussell, il-belt ta' referenza, u l-postijiet l-oħra kkonċernati. L-Eurostat ikkalkola dawn il-paritajiet bi qbil ma' l-istituti ta' l-istatistika nazzjonali.

Il-paritajiet ekonomiċi għall-pensjonijiet jistabbilixxu l-ekwivalenzi tal-kapaċità ta' akkwist tal-pensjonijiet bejn il-Belġju, il-pajjiż ta' referenza, u l-pajjiżi l-oħra ta' residenza. L-Eurostat ikkalkola dawn il-paritajiet bi qbil ma' l-istituti ta' l-istatistika nazzjonali.

- **Id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tal-proposta**

Din il-proposta tiżdied mal-proposta ppreżentata kull sena biex jiġu addattati r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet.

- **Il-koerenza mal-politika u l-għanijiet ta' l-Unjoni**

Ma tapplikax.

2) IL-KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTÉRESSATI U TA' L-ANALIŻI TA' L-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni użati, is-setturi prinċipali maħsuba u l-profil ġenerali tal-persuni li wieġbu

L-elementi tal-proposta kienu s-suġġett ta' konsultazzjoni mar-rappreżentanti ta' l-impjegati skond il-proċeduri fis-seħħ.

Sintesi tat-tweġibiet riċevuti u tal-mod kif tqiesu

Il-proposta tqis l-opinjonijiet mogħtija mill-partijiet ikkonsultati.

- **Il-kisba u l-użu ta' għarfien mill-esperti**

Ma kienx meħtieġ l-għarfien ta' espert estern.

- **L-analiżi ta' l-impatt**

- Il-proposta għandha l-għan li taddatta r-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

- Il-leġiżlazzjoni fis-seħħ ma tippermettix alternattiva oħra.

3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Il-miżuri proposti fil-qosor**

Skond l-Artikolu 4 ta' l-Anness XI ta' l-Istatut, il-miżuri proposti għandhom l-għan li jaddattaw ir-remunerazzjonijiet għall-postijiet li jippreżentaw varjazzjoni sinifikanti fl-għoli tal-ħajja.

L-iżvilupp ta' l-għoli tal-ħajja għal Brussell, li hu mkejjel bl-indiċi internazzjonali ta' Brussell fuq il-perjodu bejn Ġunju u Diċembru tas-sena ta' qabel, huwa ta' **0,6%.**

L-iżvilupp ta' l-għoli tal-ħajja barra l-Belġju u l-Lussemburgu matul il-perjodu ta' referenza jitkejjel permezz ta' l-indiċi impliċiti kkalkolati mill-Eurostat. Dawn l-indiċi jikkorrispondu mal-prodott ta' l-indiċi internazzjonali ta' Brussell u tal-varjazzjoni tal-paritá ekonomika.

Il-limitu sinifikanti huwa l-persentaġġ ta' 7% għal perjodu ta' 12-il xahar (3,5% għal perjodu ta' 6 xhur).

L-indiċi impliċitu li japplika għar-remunerazzjonijiet jaqbeż il-limitu għall-pajjiżi jew il-postijiet li ġejjin :

- il-Litwanja 3,9%

L-indiċi impliċitu li japplika għall-pensjonijiet ma jaqbeż il-limitu għall-ebda pajjiż.

L-addattament intermedju huwa daqs l-indiċi internazzjonali ta' Brussell li, jekk ikun il-każ, jiġi mmultiplikat bin-nofs tal-previżjoni ta' l-indikatur speċifiku jekk dan ikun negattiv.

Il-previżjoni ta' l-indikatur speċifiku hija ta' **0,5%** u dan ifisser li l-addattament intermedju huwa ta' **0,6%.**

Il-koeffiċjenti korrettorji huma ugwali għall-proporzjon bejn il-parità ekonomika kkonċernata u r-rata tal-kambju korrispondenti u jekk il-limitu ta' l-addattament ma jintlaħaqx għal Brussell, dan jiġi mmultiplikat bil-valur ta' l-addattament intermedju.

Id-data tad-dħul fis-seħħ hija l-1 ta' Jannar. Madankollu, għall-pajjiżi jew il-postijiet li għandhom indiċi impliċitu ogħla minn 6,3%, id-data tad-dħul fis-seħħ hija l-16 ta' Novembru. Għall-pajjiżi jew il-postijiet li għandhom indiċi impliċitu ogħla minn 12,6%, id-data tad-dħul fis-seħħ hija l-1 ta' Novembru.

Għalhekk, b'effett mill-**1/1/2006**, il-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjonijiet għall-pajjiżi jew il-postijiet li jaqbżu l-limitu huma dawn li ġejjin:

- il-Litwanja 80,1

Il-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għall-pensjonijiet u għat-trasferimenti m'humiex emendati.

- **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Istatut u b'mod speċjali l-Anness XI imsemmi fih.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tikkonċerna qasam li jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għalhekk ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta taqbel mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

- L-Anness XI ta' l-Istatut jistabbilixxi Regolament tal-Kunsill.

- L-ispiża finanzjarja tirriżulta direttament mill-applikazzjoni tal-metodu ta' l-addattament stabbilit fl-Istatut.

- **L-għażla ta' l-atti**

Att(i) propost(i): Regolament.

Atti oħra ma kinux ikunu xierqa għar-raġunijiet li ġejjin.

- L-Anness XI ta' l-Istatut jistabbilixxi Regolament tal-Kunsill.

4) L-IMPATT FUQ IL-BAĠIT

L-impatt ta' l-addattament tar-remunerazzjonijiet u tal-pensjonijiet fuq l-ispejjeż amministrattivi u fuq ir-riċevuti huwa ttrattat fid-dettal fir-rapport finanzjarju anness.

Proposta għal

REGOLAMENT (KE, EURATOM) TAL-KUNSILL

li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku u ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod speċjali l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku tal-Komunitajiet Ewropej u r-reġim applikabbli għall-ħaddiema l-oħra ta' dawn il-Komunitajiet, stabbiliti bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru. 259/68[1], u b'mod speċjali l-Artikoli 63, 64, 65, 82 u l-Annessi VII, XI u XIII ta' l- Istatut imsemmi kif ukoll l-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 20, l-Artikolu 64 u l-Artikolu 92 tar-reġim imsemmi,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Kien hemm żieda sinifikanti fl-għoli tal-ħajja fil-Litwanja matul il-perjodu bejn Ġunju u Diċembru u għalhekk jaqbel li jiġu addattati l-koeffiċjenti korrettorji li jaffettwaw ir-remunerazzjonijiet tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku u ta' ħaddiema oħra

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1/1/2006, il-koeffiċjenti korrettorji li, bis-saħħa ta' l-Artikolu 64 ta' l-Istatut, japplikaw għar-remunerazzjoni tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku u ta' ħaddiema oħra kkonċernati f'wieħed mill-pajjiżi jew mill-postijiet imsemmija hawn taħt huma stabbiliti kif ġej:

- il-Litwanja 80,1

[1] ĠU L 56 ta' l-4.3.1968, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 2104/2005 (ĠU L 337 tat-22.12.2005, p. 7).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

STQARRIJA FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Dan id-dokument hu maħsub biex jakkompanja u jikkompleta l-memorandum ta' spjegazzjoni. Għalhekk, waqt l-użu ta' dan ir-rapport finanzjarju leġiżlattiv u mingħajr preġudizzju għal-leġġibilità tagħha, jaqbel li tiġi evitata, safejn ikun possibbli, ir-repetizzjoni ta' l-informazzjoni li tidher fil-memorandum ta' spjegazzjoni. Qabel ma timla l-formola, irreferi għall-parametri li ġew stabbiliti b'mod speċifiku bil-għan li jagħtu għajnuna u preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-punti msemmija hawn taħt.

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

IR-REGOLAMENT (KE, EURATOM) TAL-KUNSILL li jaddatta l-koeffiċjenti korrettorji li japplikaw għar-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet tal-ħaddiema fis-servizz pubbliku u ta' ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

2. IL-QAFAS ABM / ABB (ĠESTJONI/TWAQQIF TAL-BAĠIT SKOND L-ATTIVITAJIET)

Il-qasam politiku/l-oqsma politiċi kkonċernat(i) u l-attività relatata/l-attivitajiet relatati:

Potenzjalment, l-oqsma u l-attivitajiet kollha huma kkonċernati.

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (titoli operazzjonali u titoli konnessi ta' assistenza teknika u amministrattiva (titoli antiki BA)), inklużi l-linji tagħhom:

Spejjeż: XX.01.01.01 Kummissjoni u Kapitolu 11 Istituzzjonijiet oħra

Riċevuti: 400 – Taxxa fuq ir-remunerazzjonijiet u l-pensjonijiet, 404 – Tnaqqis speċjali, 410 – Kontribuzzjoni ta' l-impjegati għall-finanzjar tar-reġim tal-pensjonijiet

3.2. It-terminu ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

Indefinit

3.3. Il-karatteristiċi tal-baġit (żid il-linji jekk meħtieġ):

Il-linja tal-baġit	**It-tip ta' nfiq**		**Ġdid**	**Il-kontribuzzjoni ta' l-EFTA**	**Il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti**	**Intestatura fil-perspettiva finanzjarja**
XX.01.01.01 u Kapitolu 11	DNO	CND[2]	LE	LE	LE	**Nru.** [5]

[2] Krediti mhux dissoċjati

4. IT-TAQSIRA TAR-RIŻORSI

4.1. Ir-riżorsi finanzjarji

4.1.1. Taqsira ta' l-approprjazzjonijiet tar-rabtiet (CA) u l-approprjazzjonijiet tal-ħlas (PA)

miljuni ta' euro (sat-3 deċimali)

It-tipi ta' nfiq	**It-taqsima Nru**		**Sena** n	**n +1**	**n + 2**	**n +3**	**n +4**	**n+5 u eż. segw.**	**Total**
L-infiq operattiv [3]									
L-approprjazzjonijiet tar –rabtiet (CA)	**8.1**	**a**							
L-approprjazzjonijiet tal-ħlas (PA)		**b**							
L-infiq amministrattiv fl-ammont ta' referenza[4]									
L-għajnuna teknika u amministrattiva (NDA)	**8.2.4**	c							
L-AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
L-approprjazzjonijiet tar-rabtiet		**a+c**							
L-approprjazzjonijiet tal-ħlas		**b+c**							
L-infiq amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' referenza[5]									
Ir-riżorsi umani u l-infiq relatat (NDA)	**8.2.5**	d	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**n.d.**
L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż relatati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	**8.2.6**	e							

[3] Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx kkonċernat.

[4] Infiq li jaqa' taħt l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.

[5] Infiq li jaqa' taħt il-Kapitolu xx 01, minbarra l-Artikoli xx 01 04 u xx 01 05.

Spejjeż finanzjarji indikattivi totali ta' l-azzjoni

CA TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-riżorsi umani		**a+c +d+ e**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**n.d.**
PA TOTALI inklużi l-ispejjeż tar-riżorsi umani		**b+c +d+ e**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**0,022**	**n.d.**

Id-dettalji dwar il-finanzjar konġunt

Jekk il-proposta tinvolvi l-finanzjar konġunt mill-Istati Membri, jew korpi oħra (speċifika liema), għandha tkun indikata stima tal-livell ta' dan il-finanzjar konġunt fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu aktar linji jekk ikunu previsti aktar organizzazzjonijiet għall-forniment tal-finanzjar konġunt):

Mljuni ta' euro (sa 3 ċifri deċimali)

L-organizzazzjoni tal-finanzjar konġunt		**Sena n**	**n + 1**	**n + 2**	**n + 3**	**n + 4**	**n+5 u segw.**	**Total**
……	**f**							
CA TOTALI inkluż finanzjar konġunt	**a+c+ d+e+f**							

4.1.2. Il-kompatibilità ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju

X Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid ta' l-intestaturi rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' titlob l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[6] (jiġifieri l-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-dħul

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

X Il-proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

NB: Id-dettalji u l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-metodu li bih jiġi kkalkolat l-effett fuq id-dħul għandhom jintwerew f'anness separat.

[6] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Miljuni ta' euro (sa ċifra deċimali waħda)

Il-linja tal-baġit	Id-dħul	Qabel l-azzjoni **[Sena n-1]**	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			[Sena n]	**[n+1]**	**[n+2]**	**[n+3]**	**[n+4]**	**[n+5][7]**
410 Kontribuzzjoni Pensjoni	*a) Id-dħul f'termini assoluti*	**0,060**	**0,062**	**0,062**	**0,062**	**0,062**	**0,062**	**0,062**
	b) Tibdil fid-dħul	**Δ**	**0,002**	**0,002**	**0,002**	**0,002**	**0,002**	**0,002**
400 taxxi	*a) Id-dħul f'termini assoluti*	**0,034**	**0,035**	**0,035**	**0,035**	**0,035**	**0,035**	**0,035**
	b) Tibdil fid-dħul	**Δ**	**0,001**	**0,001**	**0,001**	**0,001**	**0,001**	**0,001**
404 Tnaqqis Speċjali	*a) Id-dħul f'termini assoluti*	**0,003**	**0,003**	**0,003**	**0,003**	**0,003**	**0,003**	**0,003**
	b) Tibdil fid-dħul	**Δ**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**	**0,000**

(Jekk jogħġbok speċifika kull linja tad-dħul tal-baġit, u żid in-numru xieraq ta' linji mat-tabella jekk hemm effett fuq aktar minn linja waħda tal-baġit.)

4.2. Ir-riżorsi Umani ta' l-FTE (inklużi uffiċjali, impjegati temporanji u dawk esterni) – ara d-dettall taħti il-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	**Sena n**	**n + 1**	**n + 2**	**n + 3**	**n + 4**	**n+5 u segw.**
Għadd totali ta' riżorsi umani						

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJIET

Id-dettalji dwar il-kuntest tal-proposta huma mitluba fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni. Din it-taqsima tal-Prospett Finanzjarju Leġiżlattiv għandha tinkludi din l-informazzjoni komplementari speċifika:

5.1. Implimentazzjoni meħtieġa fi żmien qasir jew fuq tul ta' żmien

Obbligu statutarju

[7] Għandhom jiżdiedu aktar kolonni jekk dan ikun meħtieġ, jiġifieri jekk it-terminu ta' l-azzjoni jkun ta' aktar minn 6 snin.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli

n.a.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ta' l-ABM

n.a.

5.4. Il-Metodu ta' l-Implimentazzjoni (indikattiv)

Indika il-metodu/i [8] magħżul biex l-azzjoni tiġi implimentata.

☐ **Il-Ġestjoni Ċċentralizzata**

X direttament mill-Kummissjoni: PMO

– ☐ indirettament permezz ta' delega lil:

  – ☐ aġenziji eżekuttivi,

  – ☐ korpi maħtura mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Art. 185 tar-Regolament Finanzjarju,

  – ☐ korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/korpi b'missjoni fis-servizz pubbliku.

☐ **L-amministrazzjoni konġunta jew deċentralizzata**

  – ☐ ma' l-Istati Membri

  – ☐ ma' pajjiżi terzi

☐ **L-amministrazzjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)**

Rimarki: **Metodu tal-kalkolu: Addattament = Eżekuzzjoni 2006 x 3,9%. Il-miżura tikkonċerna 15-il persuna fil-Litwanja**.

[8] Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji addizzjonali fit-taqsima "Kummenti Rilevanti" ta' dan il-punt.

6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema tal-monitoraġġ

Mhux applikabbli.

6.2. L-evalwazzjoni

6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante

Mhux applikabbli.

6.2.2. Il-miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/*ex-post* (it-tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Mhux applikabbli.

6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Evalwazzjoni fl-aħħar tar-raba' sena minn Lulju 2004

7. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Mhux applikabbli.

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Krediti għal xi rbit f'miljuni ta' euro (sat-3 deċimali)

(Intestaturi ta' l-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati li għandhom ikunu provduti)	**Tip ta' riżultat**	**Spiża medja**	**Sena n**		**Sena n+1**		**Sena n+2**		**Sena n+3**		**Sena n+4**		**Sena n+5 u segw.**		**TOTAL**	
			Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru.1[9]…																
Azzjoni 1……																
Riżultat 1																
Riżultat 2																
Azzjoni 2……																
Riżultat 1																
Sub-total Għan 1																
L-GĦAN OPERATTIV Nru. 2…																
Azzjoni 1……																
Riżultat 1																
Sub-total Għan 2																

[9] Hekk kif deskritt fil-parti 5.3.

(Intestaturi ta' l-Għanijiet, l-azzjonijiet u r-riżultati li għandhom ikunu provduti)	**Tip ta' riżultat**	**Spiża medja**	**Sena n**		**Sena n+1**		**Sena n+2**		**Sena n+3**		**Sena n+4**		**Sena n+5 u segw.**		**TOTAL**	
			Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali	Nru. ta' azzonijiet u r-riżultati	Spiża totali
L-GĦAN OPERATTIV Nru. N																
Sub-total Għan n																
SPIŻA TOTALI																

8.2. L-infiq amministrattiv

8.2.1. Numru u tip ta' riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Impjegati li ser ikunu assenjati għall-amministrazzjoni ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**numru ta' karigi/FTEs**)					
		Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5
Uffiċjali jew impjegati temporanj[10] (XX 01 01)	A*/ AD						
	B*, C*/ AST						
Impjegati finanzjati[11] mill-Art. XX 01 02							
Impjegati oħrajn finanzjati[12] mill-Art. XX 01 04/05							
TOTAL							

8.2.2. Id-deskrizzjoni tal-kompiti li jirriżultaw mill-azzjoni

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutarji)

(Fejn ikun dikjarat aktar minn sors wieħed, indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull sors).

– ☐ Karigi attwalment allokati għall-amministrazzjoni tal-programm li ser ikun mibdul jew estiż

– ☐ Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju ta' l-APS/PDB għas-sena n

– ☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura ta' l-APS/APB li jmiss

– ☐ Karigi li ser jerġgħu jintużaw bl-użu ta' riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' l-amministrazzjoni (użu mill-ġdid li jsir internament)

– ☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju ta' l-APS/PDB tas-sena konċernata

[10] Li l-ispiża tagħhom MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
[11] Li l-ispiża tagħhom MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
[12] Li l-ispiża tagħhom hija inkluża fl-ammont ta' referenza.

8.2.4. Infiq ieħor Amministrattiv inkluż fl-ammont ta' referenza
(XX 01 04/05 – L-infiq fuq il-ġestjoni amministrattiva)

Miljuni ta' Euro (sa 3 punti deċimali)

Il-linja tal-baġit (l-isem u l-intestatura)	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u segw.	TOTAL
1. L-għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi l-ispejjeż relatati ma' l-impjegati)							
L-aġenziji eżekuttivi[13]							
Għajnuna teknika u amministrattiva oħra							
- *intra muros*							
- *extra muros*							
L-għajnuna teknika u amministrattiva totali							

8.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u spejjeż relatati mhux inklużi fl-ammont ta' referenza

Miljuni ta' Euro (sa 3 punti deċimali)

It-tip ta' riżorsi umani	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u segw.
Uffiċjali u impjegati temporanji (XX 01 01)						
Impjegati finanzjati mill-Art XX 01 02 (awżiljarji, END, impjegati bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)						
Spiża totali tar-riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX fl-ammont ta' referenza)						

Kalkolu – ***Uffiċjali u impjegati temporanji***

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli

Kalkolu – ***Impjegati finanzjati mill-Artikolu XX 01 02***

Għandha ssir referenza għall-Punt 8.2.1, jekk applikabbli

[13] Għandha ssir referenza għall-prospett finanzjarju leġiżlattiv speċifiku għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i .

8.2.6. Infiq ieħor amministrattiv mhux inkluży fl-ammont ta' referenza

Miljuni ta' Euro (sa 3 punti deċimali)

	Sena n	Sena n+1	Sena n+2	Sena n+3	Sena n+4	Sena n+5 u segw.	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet							
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[14]							
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' informazzjoni							
2. It-Total ta' Infiq ieħor ta' l-immaniġġjar (XX 01 02 11)							
3. Infiq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika u inkludi referenza għal-linja tal-baġit)							
Infiq amministrattiv totali, minbarra riżorsi umani u spejjeż relatati (MHUX inkluży fl-ammont ta' referenza)							

Kalkolu – ***Infiq ieħor ta' natura amministrattiva mhux inkluży fl-ammont ta' referenza***

[14] Ippreċiża t-tip ta' Kumitat kif ukoll il-grupp li dan jagħmel parti minnu.